

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tas-17 ta' Frar 2014****dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar prekursori tad-droga**

(2014/318/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa għandhom isaħħu l-koooperazzjoni tagħhom biex jevitaw l-iżvijar tal-prekursuri tad-drogi mill-kummerċ legali, sabiex tiġi miġġielda l-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi.
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/263/UE ⁽¹⁾, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar prekursori tad-droga ("il-Ftehim") ġie ffirmat fl-4 ta' Ġunju 2013, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (3) Il-Ftehim għandu jiżgura rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari livell oġhli ta' protezzjoni għall-ipproċessar u t-trasferiment tad-data personali bejn il-Partijiet għall-Ftehim.
- (4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat fisem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar prekursori tad-droga huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni. It-test tal-Ftehim jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni Ewropea, jagħti l-avviż previst fl-Artikolu 11 tal-Ftehim ⁽²⁾.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2014.

*Għall-Kunsill**Il-President*

A. TSAFTARIS

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/263/UE tat-13 ta' Mejju 2013 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar prekursori tad-droga (ĠU L 154, 6.6.2013, p. 5).

⁽²⁾ Id-data ta' dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.